II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/155

tal-24 ta' Ottubru 2019

dwar l-iffirmar u l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federali tas-Somalja dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) u (6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/389/PESK [1] dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR).

(2) L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK jipprevedi li l-istatus tal-EUCAP NESTOR u tal-persunal tagħha, inkluż fejn adatt il-privileġġi, l-immunitajiet u garanziji oħrajn meħtieġa għat-tlestija u l-funzjonament bla xkiel ta' EUCAP Nestor, irid ikun is-suġġett ta' ftehim konklużż skont l-Artikolu 37 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(3) Fil-15 ta' Lulju 2012, il-Prim Ministru tal-Gvern Federali ta' Transizzjoni tar-Repubblika tas-Somalja, f'ittra lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, ikkonferma li d-drittijiet u l-obbligi li jinsabu fil-ftehim dwar l-istatus tal-missjoni Atalanta mmexxija mill-UE konklużż fil-31 ta' Diċembru 2008 ser japplikaw ukoll għal EUCAP Nestor, il-persunal, il-bini u l-assi tagħha.

(4) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill, fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/2240 [2], iddeċieda li l-EUCAP Nestor jenħtieġ li tiffoka fuq li tassisti lis-Somalja fit-tisħiħ tal-kapaċità tas-sigurtà marittima tagħha biex din tkun tista' tinforza l-liġi marittima b'mod aktar effettiv. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2240 ta li EUCAP NESTOR l-isem il-ġdid ta' EUCAP Somalia. Għalhekk, dehret xierqa l-konklużjoni ta' ftehim formali dwar l-istatus tal-missjoni mar-Repubblika Federali tas-Somalja speċifikament għal EUCAP Somalia.

(5) Fit-12 ta' April 2018, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Federali tas-Somalja għal ftehim dwar l-istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia).

(6) Ftehim dwar l-istatus ta' EUCAP Somalia fir-Repubblika Federali tas-Somalja ġie nnegozjat bejn l-Unjoni u r-Repubblika Federali tas-Somalja.

(7) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2240 tat-12 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2012/389/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 337, 13.12.2016, p. 18).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federali tas-Somalja dwar l-Istatus tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) ("il-Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat jaħtar il-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
A.-K. PEKONEN